



0121/2016

21.11.2016

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

imressqa skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-importanza ta' taħriġ tekniku speċjalizzat għaż-żgħażaġh li jixtiequ jaħdmu fis-settur primarju

Edouard Ferrand (ENF), Philippe Loiseau (ENF), Mara Bizzotto (ENF), Angelo Ciocca (ENF), Lorenzo Fontana (ENF), Louis Aliot (ENF), Mireille D'Ornano (ENF), Matteo Salvini (ENF), Salvatore Cicu (PPE), Nicolas Bay (ENF), Remo Sernagiotto (ECR)

Data ta' skadenza: 21.2.2017

Dikjarazzjoni bil-miktub, skont l-Artikolu 136 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament dwar l-importanza ta' taħriġ tekniku speċjalizzat għaż-żgħażaġh li jixtiequ jaħdmu fis-settur primarju¹

1. L-agrikoltura hija wieħed mis-setturi ewlenin tal-ekonomija Ewropea. Minkejja l-kriżi li qed tolqot lil Franza u l-Italja b'mod partikolari, is-settur agrikolu qed jattira l-interess taż-żgħażaġh, li qegħdin dejjem aktar jagħżlu l-biedja.
2. Biex ilaħqu mat-talbiet ta' suq li qed isir dejjem iżjed kumpless u biex jikkompetu ma' pajjiżi terzi, il-bdiewa jeħtieġ li jkollhom il-ħakma ta' ħiliet ġodda, li jvarjaw minn dawk ta' ġestjoni għal dawk ta' kummerċjalizzazzjoni.
3. L-għadd ta' reġistrazzjonijiet għat-taħriġ fis-settur primarju qed jiżdied f'ħafna Stati Membri: fi Franza, żgħażaġh qed jispeċjalizzaw b'mod partikolari fil-ġestjoni ta' azzjendi agrikoli (+14 %), mentri fl-Italja qed ikunu pubblikati avviżi ta' kompetizzjonijiet reġjonali għal gradwati f'suġġetti agrikoli sabiex jinkoraġġixxu t-tiġdid.
4. Meta titqies ir-rata għola ta' qgħad fost iż-żgħażaġh, it-taħriġ f'dan is-settur għandu jkun promoss fil-livell Ewropew.
5. Il-Kummissjoni u l-Kunsill huma mistiedna jaħdmu mal-Istati Membri biex jippromwovu t-taħriġ fi professjonijiet fis-settur primarju u biex isostnu l-intraprenditorija fost iż-żgħażaġh.
6. Din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, qed tintbagħat lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

¹ Bi qbil mal-Artikolu 136(4) u (5) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament, meta d-dikjarazzjoni tkun iffirmata minn maġġoranza tal-Membri kollha tal-Parlament, għandha tiġi ppubblikata fil-minuti bl-ismijiet tal-firmatarji tagħha u tintbagħat lid-destinatarji, mingħajr madankollu ma torbot lill-Parlament.